MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 640/2002

**Avviz numru 640/02DM**

**Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta**

**Vs**

**Petroil Engineering Services Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' erbghat elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,275.00) rapprezentanti kumpens dovut in kwantu ghall-okkupazzjoni tal-fabrika A15A, Marsa Industrial Estate, liema somma tinkludi fiha l-perjodu sa' l-31 ta' Jannar 2003.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta’ April, 2002 u mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment mal-avviz, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni, u bl- imghax legali skond il-ligi.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rapprezentant taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ telef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4275) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b’effett mill-25 t’ Ottubru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------